**Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva**

**Pożizzjoni ta’ Konsulent Pedjatra b'interess speċjali fin-Nefroloġija Pedjatrika fuq Bażi Locum fid-Dipartiment tas-Saħħa tat-Tfal u Adoloxxenti, fl-Isptar Mater Dei, fil-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Konsulent Pedjatra b' interess speċjali fin-Nefroloġija Pedjatrika fuq Bażi Locum fid-Dipartiment tas-Saħħa tat-Tfal u Adoloxxenti, fl-Isptar Mater Dei, fil-Ministeru għas-Saħħa un Anzjanita' Attiva.

**Tul tal-assignment u kundizzjonijiet**

2.1 Persuna magħżula tidħol f’assignment ta’ tlett (3) snin li jiġġedded kull sena bħala Konsulent Pedjatra b'interess speċjali fin-Nefroloġija Pedjatrika fuq bażi locum.
fid-Dipartiment tas-Saħħa tat-Tfal u Adoloxxenti fl-Isptar Mater Dei fil-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva..

2.2 Il-pożizzjoni ta’ Konsulent Pedjatra b'interess speċjali fin-Nefroloġija Pedjatrika fuq bażi locum hija suġġetta għal perjodu ta’ prova ta’ tliet (3) xhur.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni time-barred, il-pożizzjoni ta’ Konsulent Pedjatra b'interess speċjali fin-Nefroloġija Pedjatrika fuq Bażi Locum tikkostitwixxi raġuni oġġettiva li taqa’ taħt Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat skont ir-“Regolamenti dwar Kuntratti ta’ Servizz għal Żmien Fiss”.

2.4 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta’ kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.5 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-‘Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta’ Kunflitti ta’ Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika’, maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta’ Novembru 2023 u li daħal fi-seħħ fl-1 ta’ Frar 2024, il-Bord tal-Għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta’ interess potenzjali. F’dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu storja ta’ impjieg mill-Jobsplus mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta’ kunflitt ta’ interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta’ interess ikunu mmaniġġjati b’mod xieraq.

Il-kandidat/i magħżul/a jkun/u meħtieġ/a jimla/jimlew id-Dikjarazzjoni disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli hawn), peress li din il-kariga/pożizzjoni (i) hija fi skala ta’ salaraju 5 jew ogħla.

**Salarju marbut mal-pozizzjoni**

3.1 Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta’ Konsulent Pedjatra b'interess speċjali fin-Nefroloġija Pedjatrika fuq Bażi Locum huwa ekwivalenti għal Skala ta’ Salarju 4, li fis-sena 2024 hija ekwivalenti għal €40,145.00 fis-sena.

3.2 Qed jiġi nnutat li s-salarju għall-pożizzjoni ta' Konsulent Pedjatra b'interess speċjali fin-Nefroloġija Pedjatrika fuq Bażi Locum huwa supplimentat b’ allowances kif speċifikat fil-ftehim settorjali fis-seħħ iffirmat bejn il-Gvern ta’ Malta u l-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta (MAM) li jirrendi s-salarju kompetittiv. Talbiet għal aktar informazzjoni rigward il-pakkett ta’ remunerazzjoni jew kundizzjonijiet oħra tax-xogħol jistgħu jiġu sottomessi fuq (recruitment.health@gov.mt).

**Dmirijiet**

4.1 Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Konsulent Pedjatra b'interess speċjali fin-Nefroloġija Pedjatrika jinsabu fl-Anness A mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta, VLT 1171 li jista' jiġi kkuntattjat ukoll permezz tal-email fuq recruitment.health@gov.mt.

4.2 Persuna appuntata tista' tkun rikjesta twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa f'Malta u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilita'**

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i.
  a. ċittadini ta' Malta; **jew**
  b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
  c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
  d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**
  e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji; **jew**
  f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

**Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunita` Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identita` Malta** skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

**Applikazzjonijiet jigu wkoll ikkunsidrati minn kandidati li huma ċittadini ta' pajjizi terzi u li ma jissodisfawx il-kriterji imsemmija f'paragrafu 5.1(i), dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti imsemmija f'paragrafi 5.1(ii) sa 5.6. Il-ħatra ta' tali kandidati teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xoghol f'dawk il-kazijiet fejn hija mehtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġizlazzjoni sussidjarja.**

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Ingliża u bil-lingwa Maltija.

Qed jiġi hawnhekk innutat li kandidati li mhumiex profiċjenti fil-lingwa Maltija jistgħu xorta jiġu kkunsidrati sakemm il-kandidati magħżula jipprovdu evidenza ta' profiċjenza bażika fil-lingwa Maltija fi żmien sena (1) mill-ingaġġ, billi jgħaddu b'suċċess mill-eżami fil-Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 and Part 2 tal-Universita' ta' Malta. Il-kors li uffiċjalment għal dan l-eżami huwa l-Course in Basic Medical Maltese for the Health Care Profession Part 1 u Part 2 immexxi mid-Dipartiment tal-Malti tal-Universita' ta' Malta. Konsulenti li ma jkunux kisbu dan iċ-Ċertifikat fiż-żmien ta' prova, jingħataw estensjoni ta' darba biex jiksbu b'suċċess dan iċ-ċertifikat. Kwalunkwe ħlas relatat mal-kors jew assessjar tiegħu jridu jiġu mħallsa mill-kandidati prospettivi magħżula. Madanakollu, tali spejjeż jistgħu jintalbu lura permezz tal-iskema Continuous Medical Education (CME).

**Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-pożizzjoni jridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anki jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess**

**linja ta’ karriera jew le.**

5.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom aktar minnhekk:

i. ikollhom isimihom imniżżel fir-Reġistri għall-Ispeċjalisti kemm f'tal-Pedjatrija u kif ukoll f'tan-Nefroloġija Pedjatrika miżmuma mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

ii. ikunu approvati li isimihom jitniżżel fir-Reġistri għall-Ispeċjalisti kemm f'tal-Pedjatrija u kif ukoll f'tan-Nefroloġija Pedjatrika miżmuma mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

iii. (a) ikollhom Ċertifikat ta' Tlestija ta' Taħriġ Speċjalizzat (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta għall-professjoni rilevanti, li juri li l-applikant lesta tali taħriġ speċjalizzat li jista' jintalab kemm għall-Pedjatrija u kif ukoll għan-Nefroloġija Pedjatrika; jew
(b) ikollhom kwalifika ta' speċjalist ekwivalenti għas-CSST kemm għall-Pedjatrija u kif ukoll għan-Nefroloġija Pedjatrika, li jkunu maħruġa mill-Awtorita' kompetenti ta' stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif indikat f'parti 1b tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tasSaħħa ta' Malta; jew
(c) ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalist dment li ma' din tinhemeż dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li tiddikjara li kwalifiki/ esperjenza huma suffiċjenti sabiex tabib ikun irreġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala Speċjalist kemm fil-Pedjatrija u kif ukoll fin-Nefroloġija Pedjatrika.

5.3 Persuna magħżula li tkun eliġibbli taħt paragrafu 5.2 (iii) (b) u paragrafu 5.2 (iii) (c) hawn fuq trid tkun imniżżla fir-Reġistru għall-iSpeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta u trid tkun ukoll irreġistrata bi sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

5.4 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 5.2 (iii) (b) jew paragrafu 5.2 (iii) (c) hawn fuq iridu jiksbu ittra ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditrazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għaċ-Ċertifikat ta' Tlestija ta' Taħriġ Speċjalizzat maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta. F'każ ta' diffikulta' għandu jintalab il-parir tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta.

Sabiex tiġi ffaċilitata r-referenza, s-sit elettroniku tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalsiti ta' Malta jista' jiġi kkonsultat minn (https://healthservices.gov.mt/en/regcounc/msac/Pages/msac.aspx).

5.5 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 5.2 (iii) (b) jew paragrafu 5.2 (iii) (ċ), u li jkunu meħtieġa jippreżentaw dikjarazzjoni mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti kif speċifikat fil-paragrafu 5.4 għandhom jinkludu kopja ta' dik id-dikjarazzjoni mal-applikazzjoni, u jippreżentaw l-oriġinali waqt l-intervista. Kandidati mhux fil-pussess ta' dan id-dokument mehtieġ xorta jistgħu japplikaw, dment jissottomettu kopja ta dik id-dikjarazzjoni hekk kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mid-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li jonqsu milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni meħtieġa fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni ta' dan il-limitu ta' żmien b'xahar ieħor, mill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjoni itwal minn dan il-perjodu, għandhom jiġu sottomessi għall-konsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

5.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 5.1 sa 5.5 hawn fuq, mhux biss salħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b’ċertifikati/trankrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recruitment.gov.mt.

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 – 5.6, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta VLT1171, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn biss f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija s-**1.30 pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Awwissu 2024. I**ttra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

9. **Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:**

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- applikazzjonijiet laterali;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- kwalifiki f'livell ogħla;
- livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
- rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva, 15 Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva huwa (https://health.gov.mt), numru tal-fax huwa +356 22992604 u l-indirizz elettroniku huwa (recruitment.health@gov.mt).

Maureen Mahoney
Direttur Ġenerali (People Management)
għas-Segretarju Permanenti (MInisteru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva)